**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

## Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Mejju 2020

## Rikors Kongunt nru: 117/2020 AGV ;

## AB

## U

## CB

## Il-Qorti;

**Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet** pprezentat fit-8 ta' Mejju 2020, li permezz tieghu ppremettew u talbu is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-11 ta' Jannar 2003, skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;
2. Illi minn zwieg taghhom il-partijet ghandhom tifel senjatament DB li ghadu minorrenni;
3. Illi l-partijiet ilhom seperati legalment sa mill- 4 ta' Gunju 2019 u dan skont ma jirrizulta minn kuntratt ta' separazzjoni relattiv redatt min -Nutar Dr.

Malcolm Licari, li kopja awtentika tieghi qed tigi hawn esebita u mmarkat Dok B;

4. Illi qabel ma ssperaw , il-partijiet kienu diga' qed jghixu separatament minn xulxin, b' dan illi huma jiddikjaraw, bil-gurament taghhom, illi huma ilhom separati de facto mit- 30 ta' Marzu 2016, b' dan illi ma hemm ebda prospett jew tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, illi ulterjorament jghixu ukoll hajja totalment separati minn xulxin b' rabtiet familjari godda;
5. Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet in konnessjoni ma' kwalunkwe hlas ta' manteniment, b' dan illi ai termini tat-tielet klawsola tal-kuntratt ta' seperazzjoni, fuq imsemmi, il-partijiet iddekadew reciprokament mid-dritt illi jitolbu manteniment minghand xulxin. Inoltre' u ghal dak illi jirrigwarda l-manteniment ghall-minuri, ai termini tal-klawsola numru 2, tal-istess kuntraatt, il-partijiet jiddikjaraw illi tali manteniment jithallas regolarment mir-rikorrent AB, lir-rikorrenti CB, u ma hemm ebda arretrati dovuti f' dar-rigward.
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap . 16, tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Illi qed jigu annessi mar-rikors odjern l-affidavits tar-rikorrenti, liema affidavits qed jigu esebiti u mmarkati bhala Dok. C u Dok. D;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg (divorzju), bejn il-partijiet;
b. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-direttur tar-registru pubbliku bid-

divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

c. Tqassar iz-zmien tal-prezentata tal-appell minn ghoxrin gurnata , kif stipulat fil-Ligi , ghall-iqsar zmien possibbli minn daqshekk u possibilment mhux aktar minn gurnata mid-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti, ai termini tal-ewwel talba.

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti, jidhirlha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumrnti esebiti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.
Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**